MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.**

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Numru 577/1994

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**
**vs**
**Joseph Vassallo**

**Illum 15 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn u disa' mitt lira maltin (Lm2900) bi hsara ta' Josephine Cachia;

Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Mejju, 1993;

Rat in-nota tal-Avukat Generali ( a fol 8 tal-atti) li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikjara fl-ezami tieghu a fol 7 tal-atti, illi ma ghandux oggezzjoni ghal dwan il-proceduri.

Semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti esebiti mill-istess akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, in konnnessjoni mal-akkuzi ta' truffa kif migjuba kontra l-akkuzat, il-Prosekuzzjoni ipproduciet is-segwenti provi:-

a) **L-ex-Spettur tal-Pulizija Kevin Ellul Bonici** spjega (fol 14 et seq ibid) li fit-30 ta' Awissu, 1994 kien sar rapport lilu personalment, minn Josephine Cachia, specifikata fl-akkuza in ezami u dan in rigward is-somma ta' Lm2,900 allegatament michuda, ta' frodi, mill-akkuzat. Skond l-istess parti lesa', l-akkuzat kien hadilha diversi somom ta' flus ammontanti ghall-figura msemmija sabiex dan seta' jinvestihom fl-importazzjoni ta' imbid, li bihom, l-istess akkuzat, kaz ta' "quick and easy money". Inoltre l-akkuzat kien qalilha ukoll li kien ser jaghti dawn il-flus moghtija lilu mill-parti lesa lil certu Joseph Saliba, residenti fil-Madliena. Wara li kien skada certu perjodu ta' zmien u l-akkuzat ma kien radd lura xejn mis-somma involuta, hu l-parti lesa kienu "ghamlu karta bejniethom", li biha hu kien akkostitwixxa ruhu debitur tas-somma Lm3000) mislufa lilu mill-istess parti lesa'.

**Ikkunsidrat:**

Illi b) **Josephine Cachia** l-istess parti lesa’ meta xehedet (fol 24, 50 u 73 et seq ibid) illi wara li hi u l-akkuzat ghamlu xi zmien jiffrekwentaw lil xulxin, l-istess akkuzat kien uriha xi “brochures” dwar imbid li kien ser jimporta mill-Italja, li “bhal dak fid-dinja kollha ma ssibx bhalu”. Sadattant, hi kienet introducietu ma gar taghha ossija Arnold Cachia. Dawn, fil-fatt, kienu saru hbieb u l-akkuzat u l-istess Arnold Cachia kienu ghamlu skond ma xehed l-istess akkuzat, hafna affarijiet bejniethom in rigward imbid. Eventwalment, l-akkuzat kien qalilha li kellu bzonn urgenti tas-somma ta’ Lm270 u dan “bhala investiment in rigward imbid”. Ftit wara ghall-istess skop, kien talabha somma ohra ammontanti ghal Lm235. Fil-fatt hi tatu, b’kollox, is-somma ta’ Lm505 “sabiex jinvestihom fl-imbid. Sadattant l-akkuzat kien qalilha wkoll, u beda jhajjarha “sabiex nidhol shab” mieghu u certu Joseph Saliba, in konnessjoni ma’ xi kummerc “bil-mohbi” li kien ser jipprokuralha “hafna profitti” ossija “easy money”. In rigward dan, hi kienet sellfet lill-akkuzat is-somma ta’ Lm2.400 bil-promessa li kien ser jaghtiha din is-somma lura fi zmien gimgha mill-konsenja lilu tal-istess ammont. Inoltre kien ukoll ipprometta li jhallas lura, is-somma ta’ Lm500 li gja ssemmiet. Difatti hi kienet sbankat is-somma ta’ Lm2400 mill-kont taghha fil-Bank (ara l-anness “statement” bankarju a fol. 30 tal-atti) u flimkien mal-akkuzat, kienet marret fil-Madliena u hemmhekk mill-boghod kienet rat lill-akkuzat jitkellem ma persuna ohra, skond ma qalilha l-akkuzat l-imsemmi Joseph Saliba. L-istess xhud specifikat li ma kienetx rat lill-akkuzat jaghtih dawn il-flus lil Joseph Saliba. Wara li ghadda xi zmien, hi bdiet titlob lura l-flus minghand l-akkuzat. Pero dan dejjem kien jaghtiha xi skuza cioe, li l-imbid kien insteraq, li l-“container” ma kienx wasal. Inoltre, meta kienet staqsietu x’kien ghamel bihom il-flus, Joseph Saliba, l-istess akkuzat kien qalilha “ma hadimx”. Inoltre hi kienet marret flimkien mal-akkuzat fl-istess lokalita’ msemmija sabiex ifittxu lil Joseph Saliba, izda meta habtitlu fuq il-bieb, ma kien fetah hadd. Minhabba l-premess, hi kienet gieghlet lill-akkuzat sabiex jiffirma’ karta fejn hemm dikjarat li hu, l-akkuzat, kien ircieva minghandha s-somma ta’ Lm3000 (ara fol. 30 tal-atti). Inoltre l-akkuzat kien

qalilha wkoll li Joseph Saliba "kien hawwad xi haga f'xi droga u kien inqabad". Il-parti lesa', meta riprodotta in kontro-ezami, spjegat dak li fil-fehma taghha gara f'dan il-kaz, billi tat aktar dettalji. Fil-fatt hi semmiet, dwar is-somma ta' Lm505 mislufa lill-akkuzat in konnessjoni ma importazzjoni ta' imbid illi dan kien jghidilha li l-"container" kontenenti l-imbid kien ser idum sabiex sasal f'Malta, li l-istess container" kien "inqabad l-Italja u li kien hemm xi nuqqas fil-kwantita' tal-imbid. F'okkazzjoni wahda hi kien hadha fil-lokalita' ta' Ricasoli fejn lokalita' ta' Ricasoli fejn giet murija xi imbid, minghajr ma giet informata ta' min kien. Hemmhekk l-akkuzat kien dahal maghha go bitha kbira fejn kien hemm nies jahdmu. L-akkuzat kien tkellem ma dawn izda ma ftakritx x'kienu qed jghidu bejniethom. Hi inoltre issottomettiet li l-akkuzat kien qalilha li kellu bzonn aktar flus" sabiex jghaggel ix-xoghol u ghalhekk kienet tatu s-somma ulterjuri , gja imsemmija, ta' Lm2400 " mhux ghall-imbid biss izda in konessjoni ma affarijiet ohrajn". Fil-fatt, fi kliemha stess "(L-akkuzat) kien qalli sabiex ninsa l-imbid u nkopru dak illi jien kont tajtu bhala flus, b'affarijiet ohra." In rigward l-inkontru ma Joseph Saliba fil-Madliena, hi kienet rat lill-akkuzat jitkellem ma' dik il-persuna u johrog "envelope" mill-but:

**Ikkunsidrat:**

Illi (c) **Joseph Saliba** (fol. 31, 67 u 72 et seq ibid) xehed li kien ilu jaf lill-akkuzat ghall-perjodu ta' madwar ghoxrin sena'. Hu spjega li matul l-1994, l-akkuzat kien qallu li xtaq jiftah negozju max-xhud in konnessjoni ma importazzjoni ta' imbid. Waqt li semma' li hu ma kellux jaghti xi flus lill-akkuzat, hu specifika li l-akkuzat, fil-fatt, kien debitur tieghu ta' "xi flus, pero', naf li dawn qatt mhu ser nohodhom". In rigward l-istess akkuzat, meta x-xhud kien qed joqghod fil-Madliena dak kien iltaqa' mieghu "forsi ghal tlett darbiet u dan sabiex jissellef xi flus minghandi" waqt li qal ukoll "L-akkuzat lili qatt ma tani flus". In rigward Joseph Cachia, ix-xhud precedenti, hu qal li ma kienx jafha jew minn kienet din. Difatti hu kien raha ghall-ewwel darba fil-Qorti meta inzammet is-seduta tal-10 ta' Marzu 1998.

**Ikkunsidrat:**

Illi d) **Arnold Cachia** gja msemmi, ikkonferma meta xehed (fol. 35 u 36 tal-atti) illi kien sar jaf lill-akkuzat permezz ta' habiba tieghu Josephine Cachia. L-istess akkuzat kien avvicinah u qal lix-xhud li "kellu bicca business tajba f'idejh billi xtaq jimporta imbid ta' certa marka minn barra". In rigward dan, l-akkuzat kien urieh "il-karti relattivi". Inoltre hu kien qal lix-xhud li ma kellux flus sabiex jinvesti. Ghalhekk jidher li gie deciz li x-xhud jimporta l-prodott imsemmi waqt li "l-akkuzat johrog jbieghu", u x-xhud jiffinanzja l-operazzjoni. L-imbid kien gie importat izda x-xhud spcifika "jiena stess qed inbieghu fis-suq".

**Ikkunsidrat:**

Illi l-**akkuzat,** kif jidher mill-atti, kien xehed (fol. 86, 106. 110 et seq ibid) kien irrilaxxja **stqarrija** bil-miktub (fol. 17 sa fol. 22). Hu sostna li fiz-zmien in kwistjoni, kellu kuntatti ma kumpanija Taljana bl-isem ta' "Brogal Vini" sabiex jimporta imbid mill-Italja. Wara li saru xi preparattivi preliminari sabiex tali importazzjoni tista' ssehh, l-akkuzat kien ra li kellu bzonn ta' firma ohra vis-a-vis il-finanzjament ta' tali importazzjoni. Ghal dan il-ghan, hu kien ltaqa' ma Arnold Cachia tramite Josephine Cachia, deskritta minnu bhala "habiba biss". F'din il-laqa', prezenti l-istess Josephine Cachia, Arnold Cachia informani li "seta' jaghtini daqqa ta' id kemm in rigward l-importazzjoni kemm in rigward il-finanzjament inklus "letter of credit". Ghalhekk it-tnejn flimkien marru fil-fergha ta' bank fil-Gzira fejn hemmhekk Arnold Cachia ta garanzija bankarja sabiex dan id-dokument seta' jinhareg favur id-ditta barranija sportatrici u aventi bhala valur, madwar Lm5000. Eventwalment, skond l-akkuzat, madwar ghaxart elef flixken ta' imbid waslu hawn Malta. Pero kif jidher mid-dokument markat Dok JV1 esebit mill-istess akkuzat (fol. 194 tal-attur) l-istess ditta barranija kienet informat lil "Vassallo Trade Malta" ("......Sig. Tony Vassallo) illi parti mill-imbid in kwistjoni, seta' kien bi "problem" in vista li kien sviluppa xi difett fl-impjant ta' filtrar tal-imbid abjad. In rigward l-imbid dan kien li jitwassal f'Malta mid-ditta "Express Trailers" (ara d-dokumenti minn fol 96 sa fol. 98 tal-atti). L-istess imbid, wara l-wasla tieghu f'Malta kien gie trasferit waqt li kien ghadu "in bond" mill-akkuzat lill-kumpanija ta' Arnold

Cachia bl-isem ta' "B.E.B. Ltd." Ossija lil Arnold Cachia (ara fol. 108 ibid). L-akkuzat kompla jispjega illi hu kellu jiehu terz tal-profitt waqt li presumibilment, din il-kumpanija ossija Arnold Cachia kellha tiehu zewg terzi tal-profitti. Dwar il-premess, l-akkuzat (a fol. 110 et seq ibid) issokta ijxhed u qal li effettivament tali importazzjoni kienet giet finanzjata , oltre permezz ta' "self" maghmul fil-fergha tal-Gzira tal-Bank indikat, kif di gja inghad, u ffirmat minni u minn Arnold Cachia, anke permezz tal-arrangament ma' Josephine Cachia strante li, "kelli bzonn ta' finanzjament ulterjuri ta' xi flus ohra". Difatti, kien silef minghandha Lm500 fuq offerta maghmula minnha stess. In rigward dan hu semma' li, wara li l-imbid kien wasal f'Malta kellu bzonn xoghol ta' stampar ta' "labels" bl-isem tal-importatur specifikat fuqhom. Fi kliem l-istess akkuzat "--------- il-Lm500 kellhom imorru ghall-ispejjes tal-istampar". Pero' avolja kien ghamel l-ordni relattiva hu stess, ma setax jiftakar fejn effettivament kien ghamel din l-ordni (----"x'imkien Hal Qormi"). In rigward it-tiles ghall-istampar esegwit, dan kien jammonta ghal Lm200 ("minghalija") u "x'imkien ghandu l-ircevuta "tal-hlas" liema dokument pero', qatt ma gie esebit in atti. Dwar il-bilanc ta' Lm300, parti kien thallas lid-Dipartimnt tad-Dwana, u jew lid-ditta "Express Trailers". Dwar dawn it-tiles, pero', jinghad li hemm esebit dokument wiehed biss (fol. 98 ibid) ammontanti ghal Lm36.61,0. Dwar l-imbid allegatement difettuz; id-ditta esportatrici kienet accettat, kif fil-fatt ghamlet; li dak "bi problemi" jigi sostitwit b'konsenja gdida ta' imbid abjad.

In rigward Joseph Saliba, dan kien qallu li xtaq jimporta "xi hwejjeg minn barra" u ekllu bzonn ta' flus ghal dan il-ghan. Ghalhekk, wara li spjega dan lil Josephine Cachia, din giet mieghu fil-post ta' Saliba fil-Madliena fejn hi rat lil Saliba u "kellmitu wkoll". Pero l-flus ammontanti ghal Lm2400 ma kienux konsenjati dak il-hin. Dawn inghataw lilu minn Josephine Cachia "wara" u hu ghaddihom lil Saliba fil-presenza ta' membri tal-familja ta' dan. Pero Saliba ma kienx radd lura dawn il-flus avolja kienu saru diversi tentattivi ghal dan il-ghan.

Illi, ikun opportun, li hawnhekk issir referenza ghall-stqarrija rilaxxata mill-akkuzat u li di gja issemmiet. F'din l-istqarrija, mistoqsi "F'hiex infaqthom dawn il-Lm500?" L-akkuzat kien wiegeb "Mhux infaqthom, uzajthom fuq xi xoghol li ma niftakarx". U dan avolja precedentement fl-istess stqarrija hu kien indika l-"labels" hawn fuq imsemmija fix-xhieda tieghu. Mistoqsi ulterjorment dwar dawn il-flus "U ghal x'hiex ridthom dawn il-Lm500 ma nafx ezatt" l-akkuzat wiegeb "Hekk hu". In rigward is-somma l-ohra ammontati ghal Lm2400, hu spjegalha li billi haseb li kellu bzonn xi flus. Wara li hadha tara lil dawn il-hbieb fil-Madliena, hi kienet tatu din is-somma u hu ghaddihom lill-istess Saliba. In rigward dan, hu cahad li kien qal lil Josephine Cachia li kien kaz ta' "Easy money". Pero' in rigward dan, l-akkuzat jidher li kien stqarr illi hu kien qal lil Saliba illi dawn il-flus kien gabhom "minghand hija ---------" u li kien nforma lil Saliba minghand min kien gab l-istess flus. "xi jumejn wara li kont gejt arrestat hawnhekk. Pero qabel jien kont ghidtlu li kont issellifthom".

**Ikkunsidrat:**

Illi, in difesa, giet prodottta mart Joseph Saliba, separata minnu. Din **Maria Vella** xehedet (fol. 139) u semmiet li "kien hemm xi zmien meta zewgi u l-akkuzat ippruvaw jaghmlu xi negozju, in konnessjoni ma imbid, bejniethom". Kien l-istess akkuzat li hajjar lil zewgha jippartecipa f'dan in-negozju u gieli kienet prezenti meta t-tnejn kienu qed jiddiskutu dan in-negozju. In konnnessjoni ma din, ix-xhud, li ghandha tigi deskritta bhala pjuttost ostili lejn zewgha minhabba c-cirkostanzi li kienet tinsab fihom dak iz-zmien u ir-relazzjonijiet hziena kif deskritti minnha fix-xhieda taghha, xehedet "Ma niftakarx li zewgi silef xi flus lill-akkuzat. Fil-fatt, seta' kien hemm self maghmul mill-akkuzat lill-zewgi**. Dwar dan ma inhiex certa.** "Pero' immedjatament wara hi sostniet li rat flus ghaddejjin bejn l-akkuzat u zewgi u li l-akkuzat u zewgha kienu tkellmu dwar pakkett flus. Fil-fatt hi kienet rat pakkett u fi kliemha stess "Jiena nahseb li dan il-pakkett tal-flus gabhom l-akkuzat" liema flus tpoggew minn zewgha f'"filing cabinet" li gie msakkar minnu. Sussegwentement zewgha kien qalilha li l-akkuzat "ma kellux cans johodhom minhabba

dik l-akkuza li ghamilli "cioe " li kien hemm xi haga bejni u l-akkuzat.

**Ikkunsidrat:**
Illi sentettizzati l-provi jkun opportun li jinghad li l-akkuza in ezami tinvolvi id-delitt ta' truffa, kif jistipula l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. In rigward dan, l-avukat Maino fil-"Commento al Codice Penale Italiano" jiddefinixxi l-istess delitt, maghruf ukoll bhala "escroqerie" billi jghid "vi e' truffa quando la cosa che si vuole usurpare a vantaggio proprio o di altri, si ottiene dal padrone consenziente ma in seguito ad artifizii o raggiri che l-ingannarono, che sorpresero la sua buona fede, che insomma ne' viziarono il consenso" (ara wkoll "Il-Pulizija vs Alexander Church" deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Marzu, 1986, "Il-Pulizija vs Anthony Galea" deciza mill-istess Qorti kif presjeduta fit-18 ta' Ottubru 1991 u "Il-Pulizija vs Anthony Galea" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 1987).

**Ikkunsidrat:**
Illi, fil-kaz in desamina, in rigward il-parti lesa', Josephine Cachia, ma ingieb a konjizjoni ta' din il-Qorti l-ebda fatt basat fuq prova sostenibbli u affidabbli, li x-xhieda moghtija minnha ghandha tigi ritenuta bhala wahda li ma ghandhiex titwemmen u ghalhekk ix-xhieda moghtija mill-parti lesa' ghandha tigi ritenuta kredibbli fit-totalita' taghha. Ghalhekk jidher minnu li l-akkuzat ottjena Lm505 minghandha bl-uzu mhux biss ta' kliem menzonjier izda wkoll permezz ta' uzu ta' certa "messa in scena" billi kien urieha certi brochures kif ukoll dak kif deskritt minnha meta ittiehdet mill-akkuzat fil-lokalita' ta' Ricasoli. Dwar l-istess somma flus, l-akkuzat ma tax rendikont plawsibbli jew kredibbli dwar jekk, fil-fatt din is-somma intuzat fl-importazzjoni ta' imbid, liema negozju jidher li gie finanzjat "in toto" minn Arnold Cachia. In rigward it-tieni somma ta' Lm2400 moghtija wkoll mill-parti lesa' lill-akkuzat, jidher li l-akkuzat kien ikkonvincha lilha li taghtih din is-somma bi promessi ta' profitti ta' malajr u bl-inkontru li sar, il-boghod minnha, fil-Madliena.

Illi, ghalhekk l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' din l-akkuza.

**Ikkunsidrat:**
Illi ma ingiebet ebda prova skond il-ligi in rigward l-akkuza ta' ricediva. Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-akkuza ta' ricediva, issib lill-istess akkuzat hati talli f'dawn il-gzejjer matul dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn u disa' mitt lira maltin (Lm2900) bi hsara ta' Josephine Cachia u dan skond l-Artikolu 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena wara li gew konsiderati il-precitati artikoli, il-fedina penali tal-akkuzat minn fejn jidher li fil-11 ta' Mejju, 1993, hu di gja instab hati ta' delitt bhal dak in ezami u li fil-21 ta' Jannar 1980, kien instab hati ta' delitt ekonomiku iehor ossija approprjazzjoni in debita, u li fil-kaz in desamina gie kommess dannu ekonimiku b'Josephine Cachia bhala vittma, il-Qorti tara li l-akkuzat jimmerita piena ta' prigunerija. In rigward dan, hi rat ukoll jekk ikun opportun li f'dan il-kaz jigi applikat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Di fatti jidher li l-hekk imsejjha "sentenza sospiza tista' tinghata f'dan il-kaz b'operat tal-artikolu 28A(7) ibid. Inoltre ikun opportun u rakkomendabbli li f'dan il-kaz tigi applikata sabiex, forsi, il-parti lesa' tkun tista' tiehu dak l-ammont ta' flus li ittiehdilha mill-akkuzat bil-mezzi kif hemm fuq deskritti.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' sena' prigunerija sospiza ghall-perjodu ta' sentejn bil-kondizzjoni li l-istess akkuzat ma jikkommettiex reat iehor soggett ghal prigunerija fl-istess perjodu ta' sentejn. Inoltre b'operat tal-artikolu 284 tal-istess kodici tordna lill-akkuzat li jhallas lil Josephine Cachia s-somma ta' Lm2905 fi zmien sitt (6) xhur millum.

Din is-sentenza, u l-konsegwenzi taghha, giet spjegata lill-akkuzat mill-istess Qorti.

**Mag. J. Apap Bologna** **Dep.Reg.**